



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0264(BUD)

---

---

11427/23  
ADD 1

FIN 739  
INST 254  
PE-L 24

**NOTA**

---

minn: Kumitat tal-Baġit  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti

---

Suġġett: Abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024:  
Pożizzjoni tal-Kunsill  
– *Dikjarazzjonijiet*

---

## **DIKJARAZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIDDAĦĦLU FIL-MINUTI TAL-KUNSILL**

### **1. Dikjarazzjoni dwar il-pagamenti**

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-programmi tal-Unjoni u tiġi evitata żieda eċċessiva tal-impenji pendenti fis-snin finali tal-QFP attwali, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u attivament, matul is-sena 2024, l-implimentazzjoni tal-programmi (partikolarment taħt is-subintestatura 2a u Żvilupp Rurali).

Għal dak l-għan, b'kont meħud tal-preċiżjoni mtejbja tal-previżjonijiet tal-Istati Membri fejn applikabbli u l-marġni tal-pagamenti fl-AB 2024 - prinċipalment xprunati mis-subintestatura 2a, huwa jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta fil-ħin ċifri aġġornati dwar is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprijazzjonijiet ta' pagament għall-2024.

Jekk iċ-ċifri juru li l-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2024 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet ġustifikati, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-awtorità baġitarja tkun tista' tieħu kwalunkwe deċiżjoni neċessarja kemm jista' jkun malajr mingħajr dewmien bla bżonn għal ħtiġijiet ġustifikati.

Fejn applikabbli, il-Kunsill ser jieħu kont tal-urġenza tal-kwistjoni, u jnaqqas il-perjodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika *mutatis mutandis* jekk iċ-ċifri juru li l-approprijazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2024 ikunu oġhla minn kemm ikun meħtieġ.

Il-Kunsill ser jeżamina bir-reqqa l-ittra emendatorja li tikkonċerna l-agrikoltura (li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul assenjat) sabiex jivvaluta kif xieraq il-livell ta' riżorsi taħt l-intestatura 3 (*Riżorsi naturali u ambjent*) fil-baġit għall-2024.

## **2. Dikjarazzjoni dwar l-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea)**

Il-Kunsill jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni li tillimita orizzontalment in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet kollha bil-ħsieb li timmira li trażżan in-nefqa taħt l-intestatura 7. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tapplika l-approċċ orizzontali u simetriku, ugwali għall-istituzzjonijiet kollha, kull meta l-intestatura 7 teħtieġ sforzi kollettivi għal aġġustamenti.

Il-Kunsill jinnota, madankollu, li l-miżuri tal-Kummissjoni mhumiex biżżejjed biex jirrispettaw il-limitu massimu kif previst fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali għall-intestatura 7 fl-2024, minkejja d-dikjarazzjoni tal-Kunsill ta' Lulju 2022 li tappella lill-Kummissjoni biex tesplora l-miżuri kollha u biex tippreżenta kwalunkwe proposta adatta biex ittaffi l-pressjoni għan-nefqa amministrattiva.

Il-Kunsill jiddispjaċih li l-Kummissjoni qed tipproponi l-użu tal-Istrument ta' Marġini Uniku biex tkopri l-lakuna minkejja l-linji gwida ta' Marzu tal-Kunsill biex jiġi żgurat li l-limiti massimi attwali tal-intestatura 7 tal-QFP ma jinqabżux u li l-istrumenti speċjali ma jiġux mobilizzati għal din l-intestatura.

Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni li l-informazzjoni reċenti tissuġġerixxi li l-parametri li l-Kummissjoni wżat meta stmat l-ammonti meħtieġa għall-aġġustament tas-salarji fl-2024 jistgħu jkunu għoljin wisq. Jekk dan jiġi kkonfermat fl-ittra emendatorja li jmiss għall-abbozz ta' baġit ġenerali għall-2024, il-Kunsill jistenna li l-ammonti, li minħabba f'hekk ma jibqgħux meħtieġa fl-intestatura 7, jerġgħu jiddaħħlu kompletament fl-Istrument ta' Marġini Uniku biex ikopru ħtiġijiet mhux previsti matul l-2024.

Ikun x'ikun il-każ, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex l-ewwel tfittex soluzzjonijiet li ma jkunux jeħtieġu l-użu ta' strumenti speċjali fin-nefqa tal-intestatura 7 fl-2024.